MEMBRI ONORARJI

Galea Mons. Dun Pawl, J.C.D.
Laferla Onor. Alb. V., C.B.E., LL.D.
Psaila Mons. Dun Karm
Saydon Prof. Dun P. P., D.D., B.Litt., B.L. Can.

MEMBRI KORRISPONDENTI

Dessoulavy Rev. Charles L., Ph.D.
Muscat Azzopardi Ivo, P.L.
Ropa Laurent
Sutcliffe Rev. E., S.J.
Said Ant.

## QALB TA' TIFEL

(SEJHA TAL-LUM)

Ħbub għajnejh suwed bħal tuta
Jibbru u jidħku, ferħanin:
Tifel ħelu, qalbu ġilju,
Ma ntihx iżjed minn sitt snin.

Fommu zokkra, xoftejh qrolla,
Qalbu safja trid ittir!
Għidtlu:- Ivan, meta tikber
Tista' tgħidli x'ser issir?

Bħal-lpapà, tabib? jonkella?...
—Xejn... Ma rridx inkun irsir!
Għal pajjiżi rrid niġġieled!!
PILOT, qalli, irrid insir!

17/5/42. R.M.B.

## Konkors ta' Kritika Letterarja bil-Malti

Il-Kumitat tax-"Xirka għat-Tixrid tal-Ilsien Malti" jniedi konkors ta' kitba bil-Malti li għalih jista' jidħol kulħadd. Is-suġġett huwa:

*Kritika ta' xi Xogħol Letterarju bil-Malti*

Xogħol letterarju jiġifieri kull xorta ta' kitba: rumanz, poeżija, drama, "essays", bijografija, eċċ. Min jidħol għall-konkors irid jagħmel "analisi kritika" ta' xi biċċa poeżija jew proża u jrid igħid fejn dehret jew meta kienet stampata dik il-poeżija, dak ir-rumanz eċċ. li fuqhom ikun kiteb.

Ma' kull kitba jrid jinbagħat 6d. (P.O. jew Bolol).

Kull kittieb jista' jibgħat aktar minn kitba waħda, imma l-premju jintrebaħ *għal kitba waħda biss.*

Il-kitbiet jinbagħtu taħt isem il-kittieb mibdul (nome-de-plume) flimkien ma' *envelope magħluq* li jkun fih nota bl-isem ta' dik il-poeżija, rumanz eċċ. li fuqha sa ssir l-analisi kritika, kif ukoll l-isem tal-kittieb u l-indirizz tiegħu.

Kull kitba li tinbagħat għall-konkors ma terġax tingħata lura lill-kittieb

Jingħataw żewġ premjijiet:

I. 4 Rumanzi (miktubin bil-Malti tal-"Għaqda" li jingħażlu mir-rebbieħ)

II. "Ward ta' Qari Malti" Vol. III.

Dawk li jieħdu l-premju, kif ukoll dawk li l-kitba tagħhom, fil-fehma tal-eżaminaturi, tkun għolja biżżejjed, jinghataw ċertifikati u l-kitba tagħhom tinqara minn fuq ir-Rediffusion u, maż-żmien jistgħu wkoll jixxandru fuq ri-visti bil-Malti.

Hemm żmien sa l-aħħar ta' Awwissu 1942.

Kull kitba trid tinbagħat lis-Segretarju, is-Sur G. Cassar Pullicino, 3c Triq il-Knisja l-Qadima, B'Kara, bil-kelma "Konkors" miktuba fuq l-envelope.

Kull min jieħu parti f'dan il-konkors irid jikteb bl-ortografija tal-"Għaqda".